MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH GALEA DEBONO

Seduta tas-26 ta' April, 2007

Appell Kriminali Numru. 78/2007

Il-Pulizija
(Spt. A. Miruzzi)
Vs
Anthony Zarb

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali, talli fil-5 ta’ Novembru, 2006, ghall-habta ta’ 11.55 p.m. fl-inhawi tar-Rabat,
1. ikkaccja jew ipprova jikkaccja, ha jew ipprova jiehu xi ghasfur li huwa protett taht dawn ir-regolamenti, jekk mhux skond dawn ir-regolamenti w skond il-kundizzjonijiet ta’ kull licenzja li tinghata tahtha w dan bi ksur tal-A.L. 79/2006 art 4(a);
2. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, waqt stagun maghluq ghat-tehid tal-ghasafar kif jista’ jigi permess

skond dawn ir-regolamenti, ha jew ipprova jiehu xi ghasfur u dan bi ksur tal-A.L. 79/2006 art 18(1)(c);
3. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi uza jew kellu fil-pussess tieghu waqt attivita’ ta’ kacca jew insib xi gass jew xi apparat elettriku jew elettroniku, specjalment l-uzu ta’ tisfir irrekordjat minn qabel ta’ ghasafar u dan bi ksur tal-A.L. 79/2006 art 7(1)(d) u art 7 (2).

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tal-14 ta’ Frar, 2007, li biha, wara li rat l-Avviz Legali 79/2006, regolament 4(a), l-Avviz Legali 79/2006, regolament 18(1)(c), kif ukoll l-Avviz Legali 79/2006, regolament 7(1)(d) u regolament 7(2), sabet lill-appellant hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontrieh, u kkundannatu ghal hlas ta’ multa fl-ammont ta’ mitt lira Maltin (LM100) u ordnat il-konfiska tal-oggetti esebiti kif ukoll l-iskwalifika tal-licenzja tal-kacca tal-istess appellant ghal zmien sena (1).

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-22 ta’ Frar, 2007, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata fejn sabet lill-appellant hati tat-tlett akkuzi w ikkundannatu multa ta’ mitt lira Maltin (LM100), ordnat il-konfiska tal-oggetti esebiti, u ssospendiet lill-appellant mill-licenzja ghal zmien sena w tilliberah minn kull piena w htija skond il-ligi u f’kaz li din il-Qorti joghgobha tikkonferma s-sentenza appellata, talab li tigi mposta piena aktar ekwa w gusta ghall-kaz odjern.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat illi l-aggravji tal-appellant – wara li fis-seduta tad-29 ta’ Marzu, 2007, irrinunzja ghall-aggravju dwar in-nullita’ tas-sentenza appellata - huma s-segwenti w cioe’:- 1. li l-Ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi. Di fatti rrizulta li l-appellant kien rieqed meta marru l-Pulizija fuq il-post. Il-ligi ma tippenalizzax is-semplici pussess tal-apparat elkettroniku w l-fatt li l-appellat ha r-responsabbilta’ tal-apparat li siehbu ghogbu juza minghajr il-kunsens tieghu w meta hu kien rieqed ma jfissirx li b’ hekk kiser xi dispozizzjoni tal-ligi. Li ma jista bl-ebda tigbid tal-immaginazzjoni jitqies li l-appellant kien qieghed

jikkaccja jew jipprova jikkaccja, jiehu jew jipprova jiehu xi ghasfur meta dan kien rieqed ma shabu go kmamar maghluqa. 2. li l-Ewwel Qorti ghamlet applikazzjoni skorretta tal-ligi ghax it-tieni akkuza tikkontempla reat li jista' jitwettaq biss fi stagun maghluq. Illi l-5 ta' Novembru, jaqa' fi zmien stagun miftuh tal-kacca u ghalhekk it-tieni reat qatt ma seta' jirrizulta tant li l-legislatur specifikatament ipprovda ghall-reati ohra li jigu kommessi <u>"waqt stagun miftuh ghall-kacca"</u> u 3. li l-piena inflitta hija esagerata ghaliex l-appellant ghandu fedina penali netta w qatt ma tressaq il-Qorti fuq akkuzi relatati ma kaccaw insib.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Semghet ix-xhieda tal-Ispettur Alex Miruzzi waqt l-udjenza tat-13 t' April, 2007, kif ukoll qieset l-affidavits tal-membri ohra tal-Korp tal-Pulizija, PC 389 Silvio Bonnici u PC 804 Leonard Formosa, li kienu mieghu meta inqabad l-appellant.

Semghet it-trattazzjoni;

Rat l-ordni taghha biex il-kawza tigi rikjamata ghas-seduta tal-lum ghas-sentenza;

Ikkonsidrat;

Illi mix-xiehda tal-Ispettur Miruzzi w mill-affidavits taz-zewg kuntistabbli fuq imsemmija jirrizulta li fil-5 ta' Novembru, 2007, ghall-habta tal-11.55 pm huma kienu fuq patrol fl-inhawi tar-Rabat u Had Dingli in konnessjoni mal-kaccja illegali tal-pluvieri bil-lejl. Semghu hoss qawwi ta' *bird caller*. Tfew il-car u mxew ghal diversi minuti lejn minn fejn kien gej il-hoss u raw dawl u waslu fejn mansab li kien minsub minn certu Ludvic Fenech li kellu arma kkargata u kien hemm ukoll diversi pluvieri hajjin u l-*bird caller* in kwistjoni. Dan kien jikkonsisti f' MP3 imqabbad ma *loudspeaker* u batterija.

L-appellant hareg mill-kamra li kien hemm magemb il-mansab u huma kellmuh u dak il-hin qal li kien rieqed u li l-apparat kien tieghu w mhux ta’ Fenech. Infurmawh li dan kien illegali skond l-Avviz Legali 79 tas-sena 2006 u elevaw il-*bird caller* u tawh ricevuta. Qalulhom biex izarmaw u t-tnejn bdew izarmaw, cioe’ l-appellant u Fenech.

Ikkonsidrat;

Illi dwar l-ewwel aggravju tal-appellant, ic-cirkostanzi kollha w l-provi indizjarji juru bla ebda dubju jew ekwivoki li hu w persuni ohra kienu jiffurmaw parti minn grupp ta’ nies li kienu fuq mansab minsub bi skop li tigi kaccjata jew minsuba t-tajra pluviera li tinqabad ukoll bil-lejl. Hu minnu li fil-hin indikat fic-citazzjoni w li fih waslu fuq il-mansab il-Pulizija u cioe’ ftit minuti qabel nofs il-lejl, l-appellant kien go kamra biswiet il-mansab u li fuq il-mansab kien hemm Ludvic Fenech, pero’ l-appellant ma kienx hemm bhala xi semplici spettatur jew mistieden biex josserva imma jidher li hu addirittura pprovda *bird caller* bl-ghajta tal-pluvieri li hu mezz illegali kif wiehed jista’ jikkaccja skond ir-Regolament 7 (1) (d) Tal-Avviz Legali 79 tas-sena 2006. Inoltre anki s-semplici pussess ta’ dan l-apparat hu projbit skond ir-Regolament 7 (2) tal-istess Regolamenti. Ghalhekk anki jekk hu ma kienx l-awtur materjali tar-reati addebitati lilu, kien zgur komplici fit-twettieq tal-istess reat skond ir-regoli generali tal-komplicita’ kontenuti fl-art. 42 tal-Kodici Kriminali, billi indubbjament forna lil Ludvic Fenech bl-ghodod jew mezzi uzati fl-eghmil tad-delitt, meta kien jaf li kellhom hekk jigu uzati w billi xjentement ghen jew assista lill-awtur tad-delitt fl-atti li bihom id-delitt gie preparat jew ikkunsmat. Illi ma hemmx dubju li l-apparat elettroniku projbit kien “*ex admissis*” jappartjeni lill-appellant u li hu kien jaf li dan qed jintuza minn Ludvic Fenech dak il-hin. Di fatti rrizulta li l-ghajjat tal-*bird caller* kien tant gholi li l-Pulizija semghuh mill-boghod minnkejja li kellhom il-karozza tahdem u mxew xi distanza minn fejn kienu semghuh sa fejn sabu il-mansab b’ dan l-appart elettroniku mixghul. Ghalhekk mhux verosimili, lanqas sal-grad tal-probabbli, li l-appellant ma kienx semghu jew qed jisimghu jintuza mill-kamra li kien hemm preciz magemb il-

mansab. Umbaghad jekk wiehed imur f' nofs ta' ghalqa f' nofs ta' lejl f' Novembru, biex jikkaccja jew jonsob il-pluvieri b' *bird caller* bl-ghajta tal-pluvieri, hu ovvju li jkun hadu mieghu biex juzah u mhux ghall-gost li jkollu *bird caller* fil-but. Ghalhekk hawn mhux kaz ta' pussess semplici ta' *bird caller* - fatt li gja minnu nnifsu huwa illegali - kif jissottometti l-abbli difensur, imma kaz fejn l-appellant forna lil terz w ippermetta xjentement l-uzu tal-istess *bird caller* bi ksur tal-ligi. Ghalhekk anki jekk l-appellant jista' ma jinstabx hati bhala awtur tar-reat, zgur ghandu jinstab hati bhala komplici fit-twettieq tal-istess reati. Umbaghad skond l-art.43 tal-Kodici Kriminali l-komplici f' delitt jehel il-piena stabbilita ghall-awtur.

Ghalhekk l-ewwel aggravju qed jigi akkolt biss fis-sens li l-appellant ghandu jinstab hati bhala komplici fl-istess reat u mhux bhala awtur.

Ikkonsidrat,

Dwar it-tieni aggravju, hu minnu li fil-5 ta' Novembru, 2006, l-istagun ghal kacca kien <u>miftuh</u> (u mhux maghluq kif indikat fit-tieni imputazzjoni) skond l-Avviz Legali 187 tas-sena 2006, fl-<u>1 ta' Settembru, 2006</u> skond ir-Regolament 3 tar-Regolamenti Dwar Konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi - Dikjarazzjoni dwar l-Istagun Miftuh ghall-Kacca.

Ghalhekk kif koncepita w redatta t-tieni imputazzjoni ma tistax tirrizulta. Se mai koncepibbilment l-akkuza kellha tkun bazata fuq ir-Regolament 19 (1) tal-AL. 79 tas-sena 2006, li jipprojbixxi t-tehid jew kacca ta' ghasafar bejn saghtejn qabel inzul ix-xemx u saghtejn qabel tlugh ix-xemx, stant li f' dan il-kaz in-nasba u/jew il-kacca kienet qed issir f' nofs il-lejl.

Ghalhekk l-aggravju dwar it-tieni imputazzjoni jidher ben fondat u qed jigi milqugh.

Illi ma jista' jkun hemm ebda dubju li t-tielet imputazzjoni li l-appellant kellu fil-pussess tieghu, waqt attivita' ta' kacca jew ta' nsib apparat elettroniku, specjalment l-uzu ta' tisfir

irrekordjat minn qabel ta’ ghasafar kif provvdut fir-Reg. 7 (1) (d) u r-Reg. 7 (2) tal-Avviz Legali 79 tas-sena 2006, tirrizulta pruvata u dan ghalhiex il-htija skond din l-akkuza tirrizulta *“ex admissis”.*

Ikkonsidrat;

Illi ghar-rigward tal-aggravju dwar il-piena, l-principju regolatur hu li mhux normali li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta’ l-Ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi w ma jkun hemm xejn x’ jindika li kellha tkun inqas minn dak li tkun fil-fatt. (Ara. **“Ir-Repubblika ta’ Malta vs. David Vella”** [14.6.1999] , **“Ir-Repubblika ta’ Malta vs. Eleno sive Lino Bezzina”** [24.4.2003] u ohrajn.) F’ dan il-kaz il-piena decizament hija entro l-parametri tal-ligi, anki jekk l-appellant ma ghandux jinstab hati tat-tieni imputazzjoni kif fuq intqal. Ma hemm ebda raguni ghaliex din il-Qorti ghandha tnaqqas il-piena li diga’ hija wahda miti fic-cirkostanzi w kif gja intqal fil-kaz tal-ewwel imputazzjoni l-komplici hu passibbli ghall-istess piena daqs l-awtur tar-reat nnifsu.

Ghalhekk dan l-aggravju qed jigi respint.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa’ l-appell limitatament u tirriforma s-sentenza appellata billi fil-waqt li tikkonfermaha fejn sabet lill-appellant hati tat-tielet imputazzjoni w anki fejn ikkundannat lill-appellant ghall-piena ta’ mitt lira Maltin (LM100) multa u fejn ordnat il-konfiska ta’ kull apparat elevat u fejn skwalifikat lill-appellant mill-licenzji tieghu tal-kacca ghal zmien sena, liema periodu jibda jiddekorri mil-lum, tirrevokaha in kwantu sabet lill-appellant hati tat-tieni imputazzjoni w minnflok tiddikjarah mhux hati tal-istess u tikkwalifika id-dikjarazzjoni ta’ htija ta’ l-ewwel imputazzjoni dedotta kontra l-appellant bhala li hu kien komplici f’ dan ir-reat u mhux l-awtur tieghu w konsegwentement qed tiddeciedi li l-appellant mhux hati tal-ewwel imputazzjoni bhala awtur izda bhala komplici,

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------